MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 282/2006

**Falzon Building Services Ltd**

**Vs**

**Tourist Services Ltd**

## Il-Qorti:

Rat illi s-socjeta rikorrenti pprezentat rikors fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbitha tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn sitt mija sebgha u sittin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm2667.87) oltre l-imghax legali, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut ghall-prezz ta' merkanzija u materjal fornit lill-kumpanija intimata kif ukoll ta' xoghol ta' tqeghid u installazzjoni ta' l-istess merkanzija u materjal maghmula mill-kumpanija rikorrenti fuq appalt mill-kumpanija intimata fl-istabilimenti St. George's Park u Penthouse Apartments gewwa San Giljan.

Bl-ispejjes kontra l-kumpanija intimata, inkluz ta' l-ittra ufficjali tat-tnejn ta' Gunju 2006 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dan ir-rikors, u bl-ingunzjoni taghha in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta intimata fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu 2048(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-somma mitluba mhiex dovuta ghaliex is-socjeta intimata naqset milli tlesti x-xoghol qabel l-istagun turistiku li jibda f'Mejju/Gunju 2004 sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ghat-turisti u sahansitra naqset tirrimedja d-difetti fix-xoghol ammessi minnha liema xogholijiet rimedjali kellhom fic-cirkostanzi jigu kkompletati mill-impjegati tal-eccipjenti. Prospett ta' korrispondenza giet annessa bhala Dok. TSL 1.

3. Subordinatament u minghajr pregudizju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet is-somma mitluba fir-rikors odjern l-anqas hija korretta ghaliex skond ir-records tal-intimata sar pagament ta' sitt elef u hamsa u disghin lira Maltin (Lm6,095) akkont u li l-attrici imputat dan il-kont, li ma giex akkreditat kif jirrizulta mill-ircevuta annessa bhala Dok. TSL 2.

Rat ir-rikors tas-socjeta ntimata pprezentat nhar id-disgha ta' Frar 2007 fejn tablet li tigi awtorizzata temenda l-ewwel eccezzjoni taghha fis-sens li l-artikolu citat minnha fl-ewwel eccezzjoni taghha u cioe l-artikolu 2048(a) jigi kancellat u sostitwit bl-artikolu 2148(a) ta' l-istess Kap 16.

Rat li fis-seduta tad-disgha ta' Marzu 2007 l-avukat difensur tas-socjeta rikorrenti ddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal tali korrezzjoni u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex laqghet it-talba tal-intimata.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April 2007 xehed **Paul Testaferrata Moroni Viani** li huwa id-Direttur tas-socjeta

intimata. Stqarr li t-talba maghmula mis-socjeta rikorrenti mhiex dovuta mis-socjeta minnu rapprezentata u ighid li effettivament is-socjeta intimata m'ghandha taghti xejn lis-socjeta rikorrenti.

Illi fl-istess jum tal-hamsa w ghoxrin ta' April 2007 xehed **Alex Vella Falzon**, Direttur ta-socjeta rikorrenti u kkonferma li l-ammont mitlub fir-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu. Ikkonferma li din is-somma tirrapprezenta materjal mixtri mis-socjeta intimata ghall-lukandi taghhom f'San Giljan cioe ghas-servizzi li huma tawha bhal per ezempju applikazzjoni ta' zebgha.

Qal li l-ahhar pagament li ghamlet is-socjeta intimata kien fl-ghoxrin ta' April 2006 fl-ammont ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) permezz ta' cekk li harget is-socjeta Testaferrata Group moghti minn Peter Paul Testaferrata Moroni Viani u kien intestat lilu u dan gie moghti lilu bhala *part payment* fuq il-kontijiet li l-kumpanija tieghu ghandha mas-socjeta tieghu.

Spjega li s-socjeta intimata ghandha tlett kontijiet mas-socjeta rikorrenti u ikoll ghandhom l-istess isem Tourist Services Limited u l-pagament li s-socjeta intimata ghamlet kellu jigi akkreditat fuq it-tlett kontijiet li hija ghandha.

Ikkonferma ukoll li huwa biegh merkanzija lis-socjeta intimata kemm ghan-nom tas-socjeta Vella Falzon Building Supplies Limited kif ukoll ghan-nom tas-socjeta Vella Falzon Capital Projects. Mistoqsi jekk harigx ricevuta ghall-pagament li sar ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u fil-fatt huwa ezebixxa kopja ta' din l-ircevuta li giet markata bhala Dok. VF mill-Qorti. Dina giet mibghuta minnu lis-socjeta intimata, l-kont gie akkreditat b'dak l-ammont muri fir-ricevuta ta' LM3,000 u effettivament ic-cekk gie ukoll imsarraf. Mistoqsi ghal min saru x-xoghlijiet ix-xhud wiegeb li kienu saru ghal wahda mill-lukandi tas-socjeta intimata.

Huwa ezebixxa ukoll *transaction History up to date* ezistenti bejn is-socjetajiet kontendenti li giet markata bhala Dok. VF 1.

Illi fis-seduta tal-hmistax ta’ Gunju 2007 il-partijiet pprezentaw noti ta’ referenzi u l-Qorti hadet konjizzjoni taghhom.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimata u cioe jekk it-talba odjerna hijiex perenta a tenur ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi s-socjeta ntimata fl-ewwel eccezzjoni taghha eccepiet il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu tal-Ligi jipprovdi li:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:

*(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, arġentieri, arluġġara u ta’ persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*

Mill-provi, kif migjuba mill-partijiet, sa issa f’din il-kawza jirrizulta li s-socjeta attrici kienet tisupplixxi materjal u xoghol lis-socjeta ntimata (skond ma xehed Alex Vella Falzon dan kien isir tramite Vella Falzon Capital Projects u Vella Falzon Building Supplies Limited). Dan huwa rikonoxxut ukoll mid-direttur tas-socjeta intimata Peter Paul Testaferrata Moroni Viani fl-email mibghuta lid-direttur tas-socjeta rikorrenti Alex Vella Falzon datata hamsa ta’ April, 2006 meta jghidlu testwalment “*give me your time schedule of works*” u permezz ta’ email ohra datata tletin ta’ Novembru, 2004 meta jghidlu ukoll testwalment “*you have given me your word that you were going to send your people to finish your pending jobs*”.

Illi kif intqal mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Langdale Ltd et vs Jon David Ltd** deciza fit-3 ta' Novembru, 2004 per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras, esebita mill-istess socjeta intimata, illi:

*"Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a Vol. XLII p. III p. 1151, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz ta' l-artikolu 2149(a) il-preskrizzjoni tirrferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – opus – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet;*

*Din l-ahhar disposizzjoni – Artikolu 2149(a) tiddistingwi ruhha mbaghad mill-Artikolu 2148(b) fis-sens li dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. Ara f'dan is-sens "**Lawrence Formosa et vs Anthony Borg pro et noe**" Appell, 27 ta' Jannar, 1997";*

*Forsi d-decizjoni li l-aktar hi attinenti ghall-kaz in ispecje hi dik riportata a Vol. XXXVIII p. III p. 710. Fiha infatti ntqal dan:*

*"Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.*"

L-unika xhieda li resqet is-socjeta intimata, sa dan l-istadju, kienet dik tad-direttur taghha Peter Paul

Testaferrata Moroni Viani li qal li s-socjeta tieghu ma ghandha taghti xejn. Ma semma xejn per ezempju dwar in-natura tax-xoghol li kien qieghed isir bejn il-kontrajenti. Waqaf biss, kif kellu kull dritt li jaghmel, fil-konferma li s-socjeta minnu rapprezentata ma kellha taghti xejn. Min naha taghha s-socjeta rikorrenti stqarret li hija pprovdiet kemm materjal u kemm servizz lis-socjeta ntimata.

Illi ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li bejn il-partijiet kien hemm appalt u allura skond il-gurisprudenza nostrana ma huwiex applikabbli l-artikolu tal-ligi citata mis-socjeta ntimata u cioe l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16. It-terminu ta' preskrizzjoni fil-kazijiet ta' appalt huwa iehor (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Tommaso Pace noe vs Salvatore Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju, 1929 (Vol. XXVII. I. 1013) u diversi ohrajn f'dan is-sens.

**Illi ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru fid-disgha w nofs ta' filghodu.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------